MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 349/2010

**Go p.l.c.(C 22334)**

**Vs**

**V&P Wholesale Limited (OC 05428583) u/jew Corfe and Mason Limited (C 39091)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjetà Go p.l.c. fit-30 ta' Settembru 2010, permezz ta' liema titlob li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' disat elef seba' mija hamsa u erbghin Euro (€9,745) rapprezentanti hlas dovut in konnessjoni ma' servizz ta' telekommunikazzjoni bil-kont numru 40063788 moghti mis-socjetà attrici, u dan skond id-dokumenti annessi ma' l-istess Rikors immarkati Dok. "IZY1" u Dok. "IZY2" li huma prospett tas-servizz relattiv u l-formoli ta' l-applikazzjoni; bl-ispejjez, komprizi dawk konnessi ma' dawn il-proceduri, u t-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-istess socjetajiet konvenuti;

Rat id-dokumenti Dok. “IZY1” u Dok. “IZY2” a fol. 3 sa’ 9 tal-process;

Rat li b’Nota pprezentata fl-4 ta’ Ottubru 2011, is-socjetà attrici cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tas-socjetà V&P Wholesale Limited;

Rat li s-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda din naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited u l-fatt li l-istess imsemmija socjetà naqset milli tidher biex tirrispondih;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza ;

**Ikkunsidrat :**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €9,745 rapprezentanti hlas dovut in konnessjoni ma’ servizz ta’ telekommunikazzjoni bil-kont numru 40063788 moghti mill-istess socjetà attrici.

Mid-dokument Dok. “IZY1” jirrizulta li l-ammont dovut lis-socjetà attrici u minnha pretiz minghand is-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limtied, huwa ta’ €9,745.

Is-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda naqset milli tressaq Risposta ghat-talba attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Is-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited in oltre naqset milli tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici u ghaldaqstant l-istess Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi ghalhekk jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici biex is-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta’ €9,745 tisthoqq li tigi milqugha.

Fir-rigward tat-talba tas-socjetà attrici biex is-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited tigi ikkundannata thallas it-taxxa fuq id-drittijiet professjonali jigi osservat illi ai termini ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Erbghatax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, li japplika ghal kull kawza ghall-hlas ta’ drittijiet ta’ servizzi professjonali maghmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi, *il-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza ma ghandhiex tkun marbuta li thallas l-ammont li jirreferi ghat-taxxa, jekk ikun hemm, li ghandha tithallas fuq il-provvista ta’ dawk is-servizzi sakemm l-original tal-fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghal dawk is-servizzi kif mitlub fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta’ din il-partita ma tinghatax lilha, jew, fejn il-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, lil xi wiehed minnhom.*

Il-paragrafu (b) ta’ l-imsemmi artikolu jipprovdi li *fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali moghtija skond kif imsemmi hawn fuq ghandu jkun fiha, minbarra t-taghrif mehtieg skond l-Att – (i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taht iffirmata mill-persuna li lilha jkunu inghataw l-imsemmija servizzi: “Niddikjara li ebda kreditu ghall-input tax ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li ghalihom tirreferi din il-fattura ta’ taxxa/ricevuta fiskali”; (ii) meta l-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza jew it-talba tkun persuna registrata taht l-Artikolu 10, jew, meta l-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, jekk xi wiehed minnhom ikun persuna registrata taht l-Artikolu 10, l-isem u n-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta’ l-imsemmija persuna registrata; (c) meta fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghall-hlas ta’ servizzi professjonali li tkun tikkonforma mad-*

*disposizzjonijiet tal-paragrfu (b) ta' din il-partita tinghata lil persuna taxxabbli li hi marbuta bil-ligi li thallas jew tirrifondi l-imsemmi hlas din ghandha ghall-ghanijiet ta' dan l-Att titqies daqslikieku kienet fattura ta' taxxa ghal servizzi professjonali provduti lilha.*

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog car li l-hlas da parte tas-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited tat-taxxa relattiva ghad-drittijiet professjonali in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ma hijiex kwistjoni li ghandha tigi deciza w imposta mill-Qorti fis-sentenza Taghha izda, tali hlas jista' jintalab minghand is-socjetà konvenuta imsemmija kemm-il darba dak dispost fil-Ligi jigi segwit mis-socjetà attrici. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba partikolari tas-socjetà attrici biex is-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited tigi kkundannata thallas it-taxxa in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba partikolari tas-socjetà attrici biex is-socjetà konvenuta Corfe and Mason tigi kkundannata thallas it-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-imsemmija socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €9,745, bl-imghax legali konteggjat mit-30 ta' Settembru 2010, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta Corfe and Mason Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------